**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Ġuramentat Nru: 773/2018 AF**

**Nenad Veselji**

**vs**

**St. Andrew's Football Club**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Nenad Veselji, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponent kien gie ingaggat mill-klabb intimat sabiex jaghti servizzi ta' *football coach* skond kuntratt tas-27 ta' Ottubru 2016 u dan b'remunerazzjoni ta' €1,800 fix-xahar.

Ghal habta tal-ahhar ta' Awwissu 2017, il-klabb intimat ittermina s-servizzi tal-esponent.

Inoltre, l-klabb intimat kien ilu tliet xhur ma jhallas ebda remunerazzjoni lill-esponent.

Minkejja li l-klabb intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas dak dovut minnu skond l-istess kuntratt, inkluz b'zewg ittri legali tal-25 ta' Settembru 2017 u tal-20 ta' April 2018, kif ukoll b'ittra ufficcjali tat-30 ta' Ottubru 2017, huwa baqa' ma hallas xejn.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-klabb intimat huwa debitur tal-esponent skond il-kuntratt ta' bejniethom tas-27 ta' Ottubru 2016.

2. Tillikwida kwalunkwe remunerazzjoni jew ammonti dovuti lill-esponent mill-klabb intimat skond l-imsemmi kuntratt.

3. Konsegwentement, tikkundanna lill-klabb intimat ihallas lill-esponent ir-remunerazzjoni jew ammonti likwidati minn din il-Qorti skond l-imsemmi kuntratt ta' bejn il-kontendenti tas-27 ta' Ottubru 2016.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1073/2018 u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data talittra ufficcjali bin-numru 4069/2017 sad-data tal-hlas effettiv. L-intimat ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' St. Andrew's Football Club, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament, jigi rilevat illi r-rikors promotur ma jfissirx car u sewwa l-oggett u r-raguni tal-kawza u dan kif inhu mehtieg a tenur tal-artikoli 156(1)(a) u (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ttalbiet attrici huma vagi mmens u dan specjalment meta f'ebda stadju ma gie mitlub biex lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li b'xi mod kien hemm xi nuqqas jew ksur ta' obbligazzjonijiet da parte tal-klabb esponenti. Infatti l-unika pretensjoni cara hija dik fejn l-attur qieghed jippretendi l-hlas ta' hamest elef u erba' mitt Ewro (€5400) li huwa ekwivalenti ghal paga ta' tlett xhur, filwaqt li kwalunkwe pretensjonijiet ta' hlas ta' danni/ammonti ohra li jmorru *oltre* dan l-ammont mhumiex cari. Ghaldaqstant, sabiex id-difiza tal-klabb intimat ma tigix severament ippregudikata, filwaqt li qed jipprezenta din ir-risposta u jirrispondi kif l-ahjar li jista', l-klabb esponenti jirriserva illi jesponi ulterjorament fil-kors ta' dawn il-proceduri wara li jkunu saru l-kjarifiki necessarji da parte tal-attur.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni u kompetenza sabiex tisma' u tiddeciedi din il-kawza stante illi bejn il-partijiet jezisti kuntratt li gie ffirmat bejniethom fis-27 ta' Ottubru, 2016, liema kuntratt issir referenza ghalih mill-attur stess fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat tieghu u konvenjentement ma jannettix kopja tal-istess, fejn il-klawsola 4.5 tipprovdi li meta jinqala' dizgwid bejn il-partijiet f'kaz li ma jintlahaqx ftehim bonarju bejniethom, il-parti aggravata ghandha tirreferi t-tilwima taghha mal-bord relattiv tal-*Malta Football Association* ("MFA") liema bord ghandu l-gurisdizzjoni esklussiva li jiddeciedi dwar il-mertu in kwistjoni.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-tieni eccezzjoni tal-klabb esponenti u cioè ma tqisx li l-bord relattiv tal-MFA ghandu l-gurisdizzjoni u l-kompetenza necessarja li jisma' u jiddeciedi lkaz *de quo*, l-klabb esponenti jeccepixxi li huwa t-Tribunal Industrijali (u mhux din l-Onorabbli Qorti) li attwalment ghandu l-gurisdizzjoni u l-kompetenza necessarja sabiex jisma' u

jiddeciedi l-kaz *de quo* u dan ai termini tal-artikolu 75 tal-Att dwar Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 talLigijiet ta' Malta).

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda l-hlas tal-ammont ta' hamest elef u erba' mitt Ewro (€5400) li jirrapprezentaw il-paga tal-attur ghax-xhur ta' Gunju, Lulju u Awwissu tal-2017 skond il-kuntratt hawn imsemmi, l-attur naqas milli jghid li minn dan l-ammont huwa thallas elfejn Ewro (€2000) fit-12 ta' Lulju, 2017 u a rigward ir-rimanenti bilanc ta' tlett elef u erba' mitt Ewro (€3400), kif se jigi ppruvat tul dawn il-proceduri, l-Klabb esponenti dejjem kien u ghadu dispost li dan jithallas lill-attur, izda l-attur dejjem irrifjuta l-hlas ta' dan l-ammont ghaliex dejjem sahaq li hu huwa dovut ammont ferm akbar minn hekk.

A rigward il-pretensjonijiet tal-attur li jmorru *oltre* il-bilanc pendenti ta' tlett elef u erba' mitt Ewro (€3400), dawn qeghdin jigu kkontestati bhala nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

Filwaqt li l-klabb esponenti jikkonferma li kien ingagga lill-attur bhala *assistant coach* mal-klabb esponenti u dan permezz tal-kuntratt hawn imsemmi datat 27 ta' Ottubru, 2016, il-klabb esponenti qatt ma ttermina s-servizzi tal-attur, stante li kien l-attur stess li abbanduna l-impjieg tieghu.

Di più mhux biss l-attur abbanduna l-impjieg tieghu, izda kien naqas serjament milli jonora l-obbligi tieghu kuntrattwali fil-konfront tal-klabb esponenti u dan kif se jigi ppruvat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra li jistghu jinghataw fil-prosegwiment tal-kaz, partikolarment izda mhux limitatament f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tordna lill-attur sabiex u/jew lill-attur minn jeddu jikkjarifika t-talbiet u l-pretensjonijiet tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2019 il-Qorti ħalliet il-kawża għall-provi dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjoni.

Rat illi fl-udjenza tal-10 t'Ottubru 2019 l-intimat irtira t-tieni eċċezzjoni minnu sollevata.

Rat illi b'deċiżjoni in parte tal-24 ta' Ġunju 2000 il-Qorti ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-intimat u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta sottomissjonijiet rispettivi.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas ta' danni kuntrattwali emanenti minn kuntratt ta' impieg. Permezz ta' kuntratt tas-27 ta' Ottubru 2016, l-attur kien ingaġġjat mal-klabb konvenut bħala *football coach*. Il-kuntratt kellu jkun validu għal 32 xahar u r-rimunerazzjoni miftehma kienet ta' €1800 netti fix-xahar. L-attur jikkontendi li l-kuntratt kien itterminat ħesrem mill-klabb konvenut f'Awwissu tal-2017 b'dan illi sa dakinhar kien diġà ilu tlett xhur ma jitħallas l-ebda rimunerazzjoni. Huwa qiegħed jitlob għalhekk is-somma dovuta lilu skont il-kuntratt. Da parti tiegħu, il-klabb konvenut jikkontendi li huwa dispost iħallas il-bilanċ pendenti li jammonta għal mhux aktar minn €3,400 u li mhuwiex dovut l-ebda ammont ieħor lill-attur stante li kien hu li abbanduna l-impieg tiegħu.

Mhux kontestat illi r-rikorrenti kien impjegat ma' St. Andrew's Football Club għal żmien definit ta' 32 xahar, fil-kariga ta' "*full-time professional football coach with senior team*" taħt it-termini u kondizzjonijiet miftiehma fil-kuntratt ta' impjieg konkluż fis-27 t'Ottubru 2016. Fost il-kondizzjonijiet miftiehma u enfasizzata fuq il-kuntratt t'impjieg tar-rikorrenti, hemm dik dwar il-kisba ta' liċenzja ta' kowċ liema liċenzja kellha tinkiseb mir-rikorrenti "***as required by the Malta Football Association, UEFA and FIFA, within the earliest possible time depending on the course available***."

Mhux kontestat li fiż-żmien li dam fl-imjieg tal-klabb intimat, ir-rikorrenti baqa' m'akkwistax il-liċenzja meħtieġa.  Dan huwa evidenti mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Malta Football Association li xehed u kkonferma li l-ewwel darba li r-rikorrenti applika sabiex jattendi għat-taħriġ kien fit-28 ta' Settembru 2017 u cioè wara li r-rikorrenti kien diġà waqaf fl-impjieg mal-klabb intimat.  Spjega li l-korsijiet saru f'dawn id-dati u cioè fi Frar 2018 għal liema kors ir-rikorrenti ma ntgħażilx sabiex jattendi; Ottubru 2018, Novembru 2019 u Frar 2022.  Għad li r-rikorrenti intgħażel sabiex jattendi għall-korsijiet li nżammu f'Ottubru 2018, Novembru 2019 u Frar 2022, ir-rikorrenti baqa' ma weġibx għas-sejħa u sal-lum għadu ma kisibx il-liċenzja relattiva.

Din il-kawża tikkonċerna ċ-ċirkostanzi tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti.  Filwaqt illi r-rikorrenti jsostni li l-imjieg tiegħu ġie terminat mill-klabb intimat qabel iż-żmien pattwit minħabba *redundancy* b'tant illi skatta għalhekk l-obbligu tagħha ai termini tal-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, il-klabb intimat jiċħad li huwa ttermina l-impjieg tar-rikorrenti u jikkontendi li kien ir-rikorrenti li ttermina l-impjieg tiegħu u li għalhekk għall-każ tal-lum japplika l-Artikolu 36(12) tal-Kap. 452 u mhux l-Artikolu 36(11) tal-istess kapitolu tal-liġi.

Il-Qorti trid għalhekk tiddetermina jekk mill-provi jirriżultax li l-impieg tal-attur ġiex terminat qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' impieg għal żmien fiss, u fl-affermattiv jekk din it-terminazzjoni hijiex ir-riżultat ta' *redundancy*, kif isostni l-attur, jew jekk dan l-impieg tiegħu ġiex terminat da parti tal-attur innifsu jew bi ksur tal-obbligi tiegħu taħt il-kuntratt tal-impieg. F'dan il-kuntest tajjeb jingħad illi l-klabb intimat mhuwiex javvanza pretensjonijiet fir-rigward tar-rikorrenti f'każ li jirriżulta li kien hu li temm l-impjieg unilaterlament u qabel it-terminu pattwit.

Mill-provi jirriżulta li l-klabb intimat daħal fi ftehim ma' Danilo Doncic sabiex dan ikun *head coach* u bir-rikorrenti bħala l-assistent tiegħu.  Peress illi r-rikorrenti ma kellux liċenzja ta' *coach* iddaħħlet fil-kuntratt tiegħu il-klawsola numru 3.9 li obbligatu jikseb tali liċenzja.  Sadanittant minħabba ċirkostanzi li huma rrilevanti għall-każ tal-lum, ġara li l-isponsor prinċipali

tal-klabb intimat inbidel. Ir-rikorrenti xehed li nqala' xi diżgwid għaliex l-isponsor il-ġdid ippretenda li ibnu kellu jilgħab u jkun parti mit-tim prinċipali. Doncic u r-rikorrenti dehrilhom li iben l-isponsor ma kienx ta' tali kalibru u għalhekk bdew isejħulu sabiex jilgħab għal ħin limitat. Kif xehdu Doncic u r-rikorrenti, dan wassal għal diżgwid bejn il-*coaches* u l-isponsor tant li wara biss tmien xhur mill-impjieg tiegħu Doncic irriżenja mill-kariga.

Jason Falzon, li għal xi żmien kien president tal-klabb intimat u llum huwa membru tal-istess, xehed illi l-isponsor inbidel kawża ta' diżgwid bejn l-isponsor u l-klabb. L-isponsor il-ġdid kellu xi diżgwid mal-kowċ Doncic u għalhekk Doncic ittermina l-impjieg tiegħu. Żied jgħid illi r-rikorrenti ma setax jieħu post Doncic la darba ma kellux liċenzja għaliex waqt li l-Malta Football Association tippermetti li persuna mhux kwalifikata tagħmilha ta' kowċ f'każ t'emerġenza, dan ma jistax isir regolarment għaliex inkella l-klabb jinkorri sanzjonijiet. Għalhekk, kellu jiġi mpjegat kowċ ġdid. Issokta jgħid illi l-kowċ il-ġdid ried assistent tal-għażla tiegħu mhux lir-rikorrenti u għalhekk ir-rikorrenti ma setax ikompli jaħdem fil-kariga li għaliha ġie mpjegat. Żied jgħid illi r-rikorrenti ġie offrut alternattiva b'impjieg fl-amministrazzjoni u għal paga simili biss ir-rikorrenti m'aċċettax u minflok ħabta u sabta ma marx aktar għax-xogħol b'dan illi żamm relazzjoni tajba mal-*club* intimat.

Fix-xhieda tiegħu ir-rikorrenti qal li ingħad lilu mid-diriġenza tal-*club* li mal-wasla tal-*coaches* il-ġodda l-inkarigu tiegħu kien sejjer jiġi terminat.

In materja ta' impjieg, tnejn huma l-prinċipji ewlenija: illi l-imjieg jista' jiġi terminat unikament mill-prinċipal jew xi ħadd ieħor li jaġixxi fuq struzzjonijiet tal-prinċipal. Fil-każ tal-lum ġie stabbilit illi l-prinċipal tar-rikorrenti fiż-żmien rilevanti kien il-klabb intimat li l-President tiegħu dak iż-żmien kien Jason Falzon. Dan iwassal għat-tieni prinċipju u cioè illi ebda mpjieg ma għandu jitqies bħala mitmum qabel il-fatt tat-tmien ikun ġie komunikat lill-impjegat jew mill-prinċipal direttament jew minn persuna oħra li taġixxi fuq struzzjonijiet tal-prinċipal. Tali komunikazzjoni tista' ssir *sia* bil-miktub kif ukoll bil-fomm.

Jinkombi fuq l-impjegat illi jagħmel il-prova li l-impjieg tiegħu ġie mitmum. La darba titressaq tali prova ikun jinkombu fuq il-prinċipal li juri li t-terminazzjoni ma kienitx dovuta għal *redundancy* iżda għal raġuni oħra li hija tajba u suffiċjenti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, għall-fini ta' din il-vertenza huwa rilevanti li jiġi stabbilit min għandu jitqies illi huwa l-persuna li tiddentifika bħala l-prinċipal li jimpjega lir-rikorrenti u jħallsu l-paga u li allura huwa l-persuna awtorizzata li tittermina dak l-impjieg u li jinforma lill-impjegat dwar dan. Ai termini tal-artikolu 2 tal-Kap. 452, "*prinċipal*" tinkludi soċjetà, kumpannija, assoċjazzjoni jew korp ieħor ta' persuni, sew jekk ikollhom personalità ġuridika sew jekk le. Mill-kuntratt ta' mpjieg tar-rikorrenti jirriżulta li għan-nom tal-klubb intimat dehru u ffirmaw Jason Falzon *qua* President, Chris Vassallo fil-kariga ta' Segretarju u Nicholas Darmanin Demajo *qua* teżorier. Kwantu għall-ħlasijiet tal-paga in atti ma tirriżultax prova dwar min kien iħallas lir-rikorrenti.

Fil-każ tal-lum ma jirriżultax li ġiet sottomessa lill-awtorità kompetenti, Jobsplus, dikjarazzjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg.

Il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-insenjamenti dwar il-kunċett ta' *redundancy* kif miġbura mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Settembru 2022 fl-ismijiet Ivan Darmanin vs Foldfox Enterprises Limited (C 75859). Ingħad hekk:

> "*Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-liġi Maltija ma tipprovdi l-ebda definizzjoni ta' redundancy u dan diversament mil-liġi Ingliza li fl-Employment Rights Act (ERA) tal-1996, ipprovdiet definizzjoni speċifika. Fin-nuqqas ta' ebda regola jew gwida statutorja dwar sitwazzjonijiet ta' redundancy fil-liġi domestika, il-Qrati tagħna konsistentement irreferew għall-prinċipji żviluppati u stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qrati u awturi Ingliżi in materja.*

*Il-Qorti tal-Appell (Inf.) fis-sentenza fl-ismijiet* ***Alexandra Theuma v. Alfred Mangion et***[1] *hekk għamlet u riteniet:-*

*"Fuq din il-materja ta' redundancy jidher li l-kazistika tal-Qrati Inglizi stabbilit dawn il-linji gwida, u cjoe:-*
*(a) was the employee dismissed?*
*(b) if so, had the requirements of the business for employees to carry out work of a particular kind ceased or diminished (or were they expected to do so)?*
*(c) if so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs?*

*Tissokta tirritjeni s-sentenza "**Safeway Stores plc -vs- Burrell**" (1997), li minnha l-precitati kweziti ttiehdu, illi taht punt (b) l-elementi krucjali hu dak jekk verament kienx hemm tnaqqis fil-"business requirements" di fronte ghall-impjegat. Esplicitament, tesprimi, illi "in deciding that, tribunals should not introduce a 'contract' test whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for". Illi wkoll f' din l-istess linja ta' hsieb is-sentenza "Shawkat -vs- Nottingham City Hospital NHS Trust", (2001) ..."*

*Fil-kawża* ***Murray and Another v Foyle Meats Ltd*** *(1999), IRLR 562, ġie ritenut mill-House of Lords (Lord Irvine) illi d-definizzjoni ta' redundancy "is simplicity in itself (and) asks two questions of fact: The first is ... whether the requirements of the business for employees to carry out work of a particular kind have diminished. The second ... is whether the dismissal is attributable, wholly or mainly to that state of affairs. This is a question of causation..."*

*Diversi awturi jirritjenu illi: "... a dismissal will now be by reason of redundancy if it is attributable to the business's diminished need for employees to do work of a particular kind" fejn "work of a particular kind" għandu jinftiehem bħala referenza "to the generic type of job, not the specific terms and conditions".*[2]

[1] Deċiża fit-28 ta' Mejju 2008

[2] Employment Law 2022, Philips & Scott, page 140, b'referenza għad-deċiżjoni fil-kawża Martland and Others v. Cooperative Insurance Society and Others – UKEAT/0220/07 & 0221/07.

*Għandu jingħad ukoll li in materja ta' redundancy, huwa l-prinċipal li jiddefinixxi x'inhuma l-ħtiġiet tan-negozju u l-ammont jew rekwiżiti tax-xogħol għall-fini li jiġi stabbilit jekk dawn tnaqqsux, inbidlux jew jekk għadhomx jeżistu. Fir-rigward ingħad*[3] *"… it is recognised that choice of criteria for selection is a matter for management and ... in general management has a wide discretion as to what sort of selection procedure should be used. ... the definition of redundancy concentrates on the needs of the business and the functions performed, not the package of terms and conditions which constitute the employee's job."*

Il-kunċett ta' *redundancy* irid jiġi meqjus u applikat b'kawtela għaliex mhux kull ċirkostanza ta' tmiem t'impjieg tinkwadra taħt il-prinċipju ta' *redundancy*.

Ta' rilevanza għall-każ tal-lum huma d-dikjarazzjonijiet rilaxxjati minn Jason Falzon fl-affidavit tiegħu fejn dan jgħid hekk:

"*Bħala Klabb qatt ma keċċejna nies u f'dan il-każ lil Nenad ukoll ma konniex keċċejnieh. Jiena bħala President tal-Klabb qatt ma keċċejtu lil Nenad u qatt ma ordnajt lil ħadd, anqas lil coaches il-ġodda, biex jgħidu lil Nenad li ħa nkeċċuh. La Marco u la Fausto u anqas ħaddieħor fil-Klabb ma kellhom is-setgħa li jordnaw lil Nenad ma jersaqx aktar għax-xogħol għax qatt ma kienu awtorizzati mill-Klabb li jagħmlu dan*." (fol. 116)

Kif ukoll illi:

"*Minħabba kif ġraw l-affarijiet meta rajna li waqaf jitfaċċa Nenad, provajna nikkonvinċuh jerġa jiġi magħna u peress li kien għadu ma ġabx il-liċenzja relattiva, lil Nenad offrejnielu li jaħdem fl-uffiċċju tal-Klabb u konna anke offrejnielu li ukoll li jaħdem fin-nursery, biex b'hekk ikun jista' jibqa' jkollu l-istess paga u jibqa' jaħdem magħna. Nenad kieku ried seta' jaħdem iż-żewġt irwoli li offrejnielu għaliex bħala ħinijiet*

[3] Pitt's Employment Law, ibid. page 346 et seq.

*kienu flessibbli u dan sakemm iġib il-liċenzja biex ikun jista' jaħdem ta' coach."* (fol. 116)

Abbażi tal-insenjament ġurisprudenzjali traċċjat aktar 'il fuq, sabiex ikun hemm *redunadancy* irid ikun hemm ness ta' kawża u effett: ir-*redundancy* għalhekk tiġi għaliex ikun hemm tnaqqis fil-bżonnijiet tal-prinċipal/kumpanija sabiex il-ħaddiema jagħmlu ċertu tip ta' xogħol. Tajjeb jiġi sottolineat li l-kunċett hawnhekk ma jirrikjedix li l-bżonn ikun konsonu mal-impjieg li għalih ikun ġie nġaggat l-impjegat partikolari, iżda għandha tinftiehem f'sens aktar wiesa' biex tinkludi anki tibdil fit-termini u kondizzjonijiet tal-impjieg fejn ix-xogħol jinbidel u jaddatta aktar għall-bżonnijiet tal-kumpanija.

Fil-każ in diżamina l-bżonn tal-klabb intimat inbidel fil-mument li Danilo Doncic irriżenja mill-inkarigu tiegħu bħala kowċ. F'dak il-mument il-klabb intimat nibtitlu l-ħtieġa li jimpjega kowċ ġdid għaliex ma setax jinqeda bis-servizz tar-rikorrenti la darba r-rikorrenti kien għadu ma kisibx il-liċenzja ta' kowċ għaliex altrimenti il-klabb kien jiffaċċja sanzjonijiet għal dan. Il-Qorti qegħda tqis ukoll illi r-rikorrenti lanqas imqar ittanta jidħol f'negozjati mal-prinċipal tiegħu iżda minflok għażel li jieqaf ħesrem, dan wara li l-prinċipal offrielu alternattiva sabiex iżommu fl-impjieg, alternattiva li kienet ser toffrilu paga simili u żżamma tal-impjieg sakemm jikseb il-liċenzja.

Il-Qorti qegħda tqis ukoll li l-klabb intimat impjega lir-rikorrenti ġa meta ma kellux liċenzja u b'hekk taħ opportunità naturalment bil-kondizzjoni li jikseb dik il-liċenzja fil-kors tal-impjieg. Dan però r-rikorrenti m'għamlux tant li għad li l-impjieg tiegħu beda b'effett mis-27 t'Ottubru 2016, l-ewwel darba li applika sabiex jattendi għat-taħriġ li jwassal għall-kisba tal-liċenzja kien fit-28 ta' Settembru 2017 u cioè kważi sena wara li beda fl-impjieg. Ma tressqet ebda prova għar-rigward tal-fatt li ma kienx hemm taħriġ matul dan iż-żmien. Fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti naqas pależement meta ma ħabrikx sabiex jikseb il-liċenzja bil-konsegwenza li meta nbidlu ċ-ċirkostanzi tal-klabb tilef l-opportunità. Il-Qorti hija tal-fehma li għad li tassew inbidlu ċ-ċirkostanzi tal-klabb, il-fatt li l-president jew persuni oħra minnu nkarigati qatt ma qalu lir-rikorrenti li kien ser jintemm l-impjieg tiegħu, u fuq kollox il-fatt li lanqas ma ħarġet fil-konfront tiegħu

*termination notice*, huwa suffiċjenti sabiex juri li r-rikorrenti ma seħħlux jipprova li kienet teżisti sitwazzjoni ta' *redundancy* u għalhekk it-talba tiegħu sa fejn din hija msejjsa fuq terminazzjoni tal-impjieg tiegħu qabel iż-żmien da parti tal-klabb intimat ma tistax tirnexxi.

Kwantu għall-pretensjoni tar-rikorrenti għall-ħlas ta' tlett xhur paga, huwa jgħid li għandu jirċievi ħlas fis-somma ta' €5,400 rappreżentanti pagi għax-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awwissu 2017. Mill-banda l-oħra l-Klabb intimat wieġeb illi l-ħlas mgħoddi lir-rikorrenti fis-somma ta' €2,000 fl-14 ta' Lulju 2017 kien bi ħlas għall-paga ta' Ġunju ammontanti għas-somma ta' €1,800. Jason Falzon xehed illi r-rikorrenti dejjem tħallas bil-quddiem tant illi l-ewwel paga tiegħu irċeviha fil-5 ta' Novembru waqt li l-impjieg kien beda fis-27 t'Ottubru 2016.

Eżaminati l-atti senjatament ir-*records* bankarji li kopja tagħhom tinsab esebita in atti, il-Qorti tosserva li r-rikorrenti dejjem tħallas fil-bidu tax-xahar u tassew illi l-ewwel paga mħallsa lilu hija dik tal-5 ta' Novembru 2016 u cioè ġimgħa biss wara li kien beda l-impjieg. Jirriżulta wkoll illi fuq medda ta' 8 xhur minn meta beda l-impjieg tiegħu sa Ġunju 2017 ir-rikorrenti ħa tmien pagi. Għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti mhuwiex dovut pagi ta' tlett xhur iżda ta' tnejn kif sewwa jgħid il-Klabb intimat. Tqis ukoll li lanqas l-interessi ma huma dovuti fuq il-bilanċ li għadu pendenti għar-raġuni li l-Klabb intimat dejjem kien dispost iħallas iżda r-rikorrenti rrifjuta l-ħlas.

Fid-dawl ta' dak premess, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba limitatament u tiddikjara li l-Klabb intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' €3,400 dan għaliex mal-paga ta' Ġunju li tħallset f'Lulju ir-rikorrenti tħallas €200 aktar minn dak dovut lilu. Għalhekk mis-somma globali ta' €5,400 rappreżentanti ħlas ta' tlett xhur paga ir-rikorrenti rċieva €2,000 u allura fadal jitħallas lilu bilanċ fis-somma ta' €3,400.

Għalhekk, u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi dwar il-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet li ma ġewx deċiżi bis-sentenza in parte tal-24 ta' Ġunju 2000 billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni li ġiet irtirata fil-mori tal-proċeduri.

2. Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet.

3. Tilqa' l-ewwel talba limitatament u tiddikjara li St. Andrew's Football Club huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' tlett elef u erba' mitt Ewro (€3,400) rappreżentanti ħlas ta' pagi għax-xhur ta' Lulju u Awwissu 2017.

4. Tilqa' l-bqija tat-talbiet u tikkundanna lil St. Andrew's Football Club iħallas lir-rikorrenti l-ammont appena likwidat.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP REG